QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum l-Erbgha, 10 ta' Ottubru 2001

Numru 8

Citaz. Nru. 551/96 FDP

Formosa & Camilleri Ltd., bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` Michael Attard Limited

Vs

Sea Malta Company Limited, bhala armaturi tal-bastiment *Pinto*

u

The Cargo Handling Co. Ltd.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tad-19 ta' Frar 1996 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` Michael Attard Limited importat minn Franza erbgha u tmenin (84) vettura tal-marka Peugoet li gew imbarkati fil-port ta' Marsilja ghall-vjagg lejn Malta fuq il-bastiment *Pinto* (Dok. A);

Illi l-bastiment wasal Malta fit-23 ta' April 1995 (Dok. B) *u* meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-vetturi, irrizulta li kien hemm n-nuqqas u l-hsarat li huma indikati fl-ewwel notamenti li ttiehdu waqt survey li sar meta l-vetturi kienu fuq il-moll (Dok. C), huma konfermati fis-Schedule ta' l-Information Form datat 14 ta' Dicembru 1995 redatt mis-*surveyor* ta' l-Institute of London Underwriters (Dok. D) u fl-*invoice* ta' tliet pagni datata 17 ta' Mejju 1995 (Dok. E) kif ukoll jirrizultaw fil-Gate Pass Out bin-Nru.76664 datat 25 ta' April 1995 (Dok. F);

Illi l-vetturi importati kellhom kopertura assikurativa mas-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici, kif obbligata, ghan-nuqqas u l-hsarat li garrab l-importatur, hallset is-somma ta' sitt mija sitta u disghin lira u tletin centezmu (Lm696.30c) li minnhom erbgha u sittin lira (Lm64) kienu *survey fees* u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur (Dok. G);

Illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghan-nuqqas u hsarat fuq riferiti, u ghalkemm interpellati biex jassumu responsabilita` ghad-danni, baqghu inadempjenti (Dok. H sa K);

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u hsarat fuq riferiti;

2. Tikkundannhom, jew min minnhom, li jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm696.30) li minnhom erbgha u sittin lira Maltin (Lm64) kienu *survey fees* in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lis-socjeta` attrici bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta` din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr. Joseph Zammit McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-21 ta' Gunju 1996 tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited fejn gie eccepit:-

Fl-ewwel lok il-klawsola ta' esoneru kontenuta fil-poloz tal-karigu relattivi u cioe` li

"*unprotected Motor cars - ship not responsible for damages and accessories*" u "*vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery, fittings or accessories.*";

Fit-tieni lok li d-danni reklamati ma jirrizultawx fl-ammont reklamat mit-tally sheets;

Fit-tielet lok il-klawsola ta' esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu relattiv u cioe` "*carrier shall not be liable for any loss or damage resulting from any act, neglect or default of his servants in the management of such arrivals and other cargo.*"

Fir-raba' lok illi s-*survey fees* ma humiex responsabbilta` tal-konvenut eccipjent;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd., huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-vetturi in kwistjoni gew

sbarkata minn fuq il-vapur bil-hsara kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheets Nr. 84305 u 84307;

2. Illi fit-tieni lok is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., tissoleva li mhix fi kwalunke kaz responsabbli ghal kwalunkwe nuqqas u hsarat allegati mis-socjeta` attrici u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet ta' l-1966;

3. Illi fit-tielet lok is-socjeta` konvenuta bhala veru "BONUS PATER FAMILIAS" halliet dawn il-vetturi in kwistjoni flimkien ma' vetturi ohra u xoghol iehor li jkun mahzun "*in the open*" u liema xoghol jaqa' taht l-iskeda 13 tal-Port Regulations ta' l-1966, mghassa lejl u nhar bi gwardjani tad-Dwana matul il-hin kollu f'area maghluqa ghal dan il-ghan, u li l-bieb ta' l-istess area hu taht il-kontroll dirett tad-Dwana. Tant hu hekk, li meta l-importaturi jmorru biex jirtiraw ix-xoghol li jkun mahzun "*in the open*" ikolhom ihallsu Lm0l.25,0. kull gurnata ghal kull unit;

4. Illi wkoll is-socjeta` konvenuta, bhala doveri specjali taghha, ikollha fl-istess bieb, Gate-Keeper li huwa impjegat dirett mas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd., li jiehu hsieb li jara dak ix-xoghol kollu li jkun hiereg, li jkun jaqbel ma' dak li jkun hemm indikat fil-Gate Pass Out. Illi di piu barra minn hekk, is-socjeta` konvenuta ghandha impjegati maghha bhala "watchmen" li jattendu ghax-xoghol mill-17:00hrs sa 08:00hrs biex jghassu matul il-lejl kollu (wara il-hinijiet normali tax-xoghol)

flimkien mal-gwardjani tad-Dwana, kull generu ta' xoghol inkluzi vetturi li jkunu mahzuna "*in the open*";

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghal premess ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta` attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta` assiguratrici estera;

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghal premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm632.30.0. lis-socjeta` Michael Attard Limited;

7. Illi ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations (Amended by Legal Notice 28/73) li jistipola li "*in the case of unit loads or unitised cargo, the Director of Ports or his contractor may, subject to the provisions of this regulation, give a receipt for the quantity only of unit loads received from the ship*". *Unit load* skond l-Att IX ta' l-1973 *inter alia* jinkludi "*vehicles or trailers etc, rolled on or off a ship*". Dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta` konvenuta minn kull risponsablita`;

8. Illi wkoll a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations ta' l-1966 tali merkanzija, l-importatur jaf li tinhazen "*in the open and always at the sole risk of the owner*" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta ma' hix responsabbli (KF 15.11.93. RAY MICALLEF VS GODWIN ABELA – CITAZ. NRU. 1365/84 u AK 16.03.92. REGINALD MICALLEF VS

GODWIN ABELA - CITAZ. NRU. 1094/84) u hafna ohrajn;

9. Illi dwar l-imghax - dan mhux dovut lanqas stante li s-socjeta` esponenti qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset biss ghaliex sostniet li kienet obbligata thallas taht polza ta' assigurazzjoni;

10. Illi dwar is-*survey fees* hemm diversi sentenzi li jghidu li tali *fees* mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghall-istess (AK 6.02.92. DR. ROBERT STAINES VS CHEV. S. MIFSUD U GODWIN ABELA - CITAZ. NRU. 112/86 U KF 25.4.95. DR. ROBERT STAINES VS JOSPEH APPS U GODWIN ABELA - CITAZ. NRU. 201/92F);

11. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Godwin Abeba in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ezaminat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici u semghet lid-difensur tas-socjeta` Sea Malta Company Limited. Is-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd baqghet ma pprezentatx in-nota ta' osservazzjonijiet taghha;

Ikkonsidrat:-

Illi skond ma jidher mill-polza ta' karigu relattiva ghall-merkanzija in kwistjoni (fol 6) is-socjeta` Michael Attard Limiedtd importat 84 vettura tal-marka Peugeot li gew imbarkati mill-port ta' Marsilja fl-20 ta' April 1995. Fuq il-polza ta' karigu ma tnizzlu ebda rimarki negattivi. Il-vetturi gew certifikati mill-armatur bhala "*clean on board*" u "*in good starting condition*". Ghalhekk jidher li l-vetturi tghabbew fuq il-vapur *Pinto* min Franza f'kundizzjoni tajba, minghajr hsarat jew nuqqasijiet;

Responsabbilta` tas-Sea Malta Company Limited:-

Illi meta l-vetturi waslu Malta u kienu qeghdin jitnizzlu minn fuq il-vapur fl-24 ta' April 1995, sar it-*tallying* mit-*tally clerks* tal-vapur u dawk tal-Cargo Handling. David Vella, skrivan mas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd, fl-affidavit tieghu xehed illi huwa ttalja 58 vettura minnhom. Huwa ghamel riferenza ghall-Joint Tally Sheet relattiva (fol 40) iffirmata minnu u kontro-firmata mit-*tally clerk* tal-vapur fejn hemm rimarka wahda fir-rigward ta' wahda mill-vetturi: "*rear damaged*". Joseph Spiteri, skrivan iehor mas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd, fl-affidavit tieghu spjega li huwa ttalja 23 mill-vetturi importati. Huwa ghamel riferenza ghall-Joint Tally Sheet relattiva (fol 39) ffirmata minnu u kontro-

firmata mit-*tally clerk* tal-vapur fejn hemm rimarka wahda fir-rigward ta' vettura minnhom: "*front badge missing*";

Illi l-Qorti tosserva li ma giet esebita ebda Joint Tally Sheet fir-rigward tat-tlett vetturi l-ohra u ghalhekk ma jistax jigi stabbilit jekk dawn sofrew xi hsarat/nuqqasijiet waqt il-vjagg taghhom lejn Malta;

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal tat-8 ta' Gunju 2000 fejn id-difensur tas-socjeta` Sea Malta b'referenza ghall-Joint Tally Sheets esebiti jaqbel li s-socjeta` Sea Malta ghandha tkun responsabbbi ghall-*front badge* u r-*rear bumper* biss li skond l-invoice a fol. 11 - 13 jiswew erba' liri Maltin (Lm4) u tmenin lira Maltin (Lm80) rispettivament. In vista ta' din id-dikjarazzjoni il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni tal-klawsoli ta' esoneru kontenuti fl-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tas-Sea Malta Company Limited. Dwar it-tieni eccezzjoni, il-Qorti taqbel li l-ammont ta' danni reklamat jizboq dak relattiv ghat-Tally Sheets u ovvjament mhix ser tikkundanna lis-socjeta` Sea Malta thallas ammont akbar minn dak li ghalih hija responsabbli. Wara li ezaminat l-*invoices* esebiti l-Qorti ikkalkulat l-ammont ta' hsara li ghalih ghandha taghmel is-SeaMalta fl-ammont ta' erbgha u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm84.75). Dwar ir-raba' eccezzjoni u cioe` li s-*survey fees* mhux responsabbilta tas-socjeta` Sea Malta, il-Qorti ma jidhrilhiex li din hija fondata peress li kif tajjeb spjegat is-socjeta` attrici fis-sottomissjonijiet taghha, u kif gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, is-

*survey fees* huma spiza accessorja u necessarja inkorsa sabiex jigu maghrufa d-danni u ghalhekk ghandhom jinghaddu mad-danni. Ovvjament l-ammont ta' *survey fees* li ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta` Sea Malta Company Limited ghandhom ikunu proporzjonali ghall-ammont tad-danni li ghalihom hija responsabbli;

<u>Responsabbilta` tas-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd</u>:

Illi mid-dokument Gate Pass Out (fol 14) relattiv ghall-merkanzija in kwistjoni jirrizulta li gew innutati s-segwenti hsarat/nuqqasijiet qabel ma l-vetturi gew rilaxxjati lis-socjeta` importatrici:

*8 cars with bumper under spoilers slightly scratched*
*1 bumper slightly scratched*
*1 rear bumper scratched*
*1 rear boat lid slightly scratched*
*1 electric aerial broken*
*1 front right wing slightly dented*
*1 bonnet slightly scratched*
*1 mirror broken*
*1 front left wheel cover scratched*
*1 set rear speakers missing*
*3 cigar lighters missing*
*1 radio plastic cover missing*
*3 badges missing*

Illi Francis Schembri, delivery clerk mas-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd fl-affidavit tieghu (fol 54) spjega li hu u r-rapprezentant tas-socjeta` importatrici, Austin Schembri, kienu ezaminaw il-konsenja qabel ma din giet irtirata. Huwa ikkonferma li n-nuqqasijiet/hsarat li gew innutati tnizzlu fuq il-Gate Pass Out li gie kumpilat u ffirmat minnu stess u kontro-firmat minn Austin Schembri. Fil-fatt l-istess Agostino Schembri mis-socjeta` importatrici fl-affidavit tieghu (fol 47) xehed li huwa jaghraf il-firma tieghu fuq in-naha t'isfel ta' dan id-dokument;

Illi s-socjeta` The Cargo Handling hija responsabbli ghad-danni indikati fuq il-Gate Pass Out meno dawk id-danni diga` mnizzla fuq il-Joint Tally Sheet, (u cioe` ir-*rear bumper* u l-*badge*) li kif diga` gie spjegat dawn ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-Sea Malta Co Ltd. Il-Qorti wara li ezaminat l-*invoices* mahruga mis-socjeta` importatrici ikkalkulat l-ammont ta' danni li huma responsabbilta` tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd fl-ammont ta' tliet mija u sebgha u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm397.85). (Il-Qorti tispjega li ma haditx konjizzjoni ta' hsarat/nuqqasijiet indikati fuq l-*invoices* jekk dawn ma kinux indikati fuq il-Gate Pass Out u wkoll, ma llikwidatx danni fil-konfront ta' xi hsarat/nuqqasijiet indikati fuq il-Gate Pass Out li ma kinux imnizzla fuq l-*invoices*);

L-ewwel eccezzjoni tal-Cargo Handling Co Ltd. li l-merkanzija giet zbarkata minn fuq il-bastiment bil-hsarat, hija sostenibbli biss fir-rigward ta' dawk il-hsarat/nuqqasijiet indikati fuq il-Joint

Tally Sheet, u cioe` il-"*badge missing*" u "*rear damaged*". Ghal dawn il-hsarat/nuqqasijiet ovvjament mhix ser tigi kkundannata taghmel tajjeb is-socjeta The Cargo Handling Co Ltd;

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd, fejn hija rreferiet ghal Regolament 86 dwar il-Portijiet, il-Qorti tirrileva li dan l-artiklu mhux applikabbli ghall-kaz in kwistjoni, peress li din il-kawza titratta dwar konsenja ta' vetturi li gew rilaxxati b'nuqqasijiet u hsarat u mhux konsenja ta' pakki ta' xorta difettuza jew li jkunu fi stat ta' tixrid;

Illi fit-tielet u r-raba' eccezzjonijiet, is-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd spjegat li l-vetturi jkunu mghassa lejl u nhar minn gwardjani tad-Dwana f'area maghluqa ghal dan il-ghan, u wkoll li jkollha fil-bieb Gate-Keeper li jiehu hsieb li x-xoghol li jkun hiereg jaqbel ma' dak indikat fil-Gate Pass Out. Di piu spjegat li hija thaddem *watchmen* li flimkien mal-gwardjani tad-Dwana jghassu matul il-lejl (wara l-hinijiet normali tax-xoghol). Il-Qorti pero` ma tarax kif dan ghandu jezonera lis-socjeta` konvenuta mir-responsabbilta`. Gialadarba hemm id-dokumenti li juru li certu nuqqasijiet/hsarat saru waqt li l-vetturi kienu fil-kustodja tal-Cargo Handling, l-istess Cargo Handling ghandha tirrispondi ghal dawk il-hsarat/nuqqasijiet. Jekk jirrizulta li kien hemm xi tbaghbiz da parti tal-gwardjani tad-Dwana jew tal-gwardjani/impjegati taghha stess hija ghandha dritt tiehu l-passi necessarji kontra taghhom izda dan ma jikkoncernax lis-socjeta` attrici ghax ir-relazzjoni guridika in

kwistjoni hija bejnha (wara li giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` importatrici) u bejn il-Cargo Handling, li fil-kustodja taghha inzammu l-vetturi sakemm dawn gew rilaxxjati;

Illi fil-hames u s-sitt eccezzjonijiet is-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd titlob li jigi esebit kuntratt/ftehim ta' agenzija li s-socjeta` attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta` assikurattrici estera, kif ukoll il-mod/cheque li bih sar il-pagament. Il-Qorti ma tarax li dan hu necessarju ladarba hemm id-dikjarazzjoni guramentata tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici li fiha ikkonferma li hija ghamlet tajjeb ghad-danni. Di piu hemm l-affidavit ta' Mark Micallef mis-socjeta` attrici (fol 49C) fejn ikkonferma li s-socjeta` attrici hallset sitt mija u tnejn u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm632.30) lis-socjeta` importatrici u sussegwentement giet surrogata fid-drittijiet taghha (ara subrogation form a fol 15). Dwar l-erbgha u sittin lira Maltin (Lm64) *survey fees* huwa spjega li huma ccargjaw direttament lil Guardian Royal Exchange Assurance plc peress li s-socjeta` attrici ghandha Marine Open Cover mas-socjeta` importatrici;

Illi fis-seba' eccezzjoni s-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd irriferiet ghal Art. 70 tar-Regolamenti tal-Port (kif emendat bl-Avviz Legali Nru 28/73) li jistipula li d-Direttur tal-Port jew il-kuntrattur tieghu huma responsabbli biss ghal numru ta' *unit loads*, il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-artiklu jezenta lill-Cargo Handling mir-responsabbilta` ghall-hsarat li jistghu jigru lill-oggetti elenkati bhala *units*

bhalma huma l-vetturi li jkunu fil-kustodja taghha. Kif gie rilevat f'sentenzi simili, meta merkanzija hija meqjusa bhala *units* bhal fil-kaz tal-vetturi ma jfissirx li l-Cargo Handling tista' impunement tirrilaxxja vetturi zarmati mill-accessorji li jkunu waslu ma' l-istess vetturi, jew bi hsarat. Wara kollox il-Cargo Handling stess tiehu konjizzjoni tal-hsarat/nuqqasijiet li tosserva meta l-vetturi jkunu qed jigu zbarkati, nonostonte l-fatt li huma kkunsidrati bhala *units*;

Illi fit-tmien eccezzjoni l-Cargo Handling eccepiet artiklu 90 tar-Regolamenti tal-Port dwar il-fatt li l-importatur jaf li l-merkanzija tinhazen "*in the open and always at the sole risk of the owner*". Il-Qorti pero` tirrileva li dejjem ghandu jkun hemm il-minimu ta' diligenza. Il-merkanzija wara kollox ma kinitx abbandunata izda kienet fil-kustodja tal-Cargo Handling u ghalhekk l-istess socjeta` ghandha tirrispondi ghal dawk il-hsarat/nuqqasijiet li jigu osservati fuq il-vetturi meta jidher car li saru waqt li kienu fil-kustodja taghha;

Illi dwar l-imghax, dan ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni;

Illi dwar il-kwistjoni tas-*survey fees*, il-Qorti, kif diga` spjegat fir-rigward tas-Sea Malta Company Limited tirrileva li dawn ghandhom jigu inkluzi mad-danni minhabba li minghajr is-*survey* in-nuqqasijiet/hsarat ma jkunux maghrufa;

Dwar is-*survey fees*:

Illi l-ammont li qed jintalab ghas-*survey fees* huwa ta' erbgha u sittin lira Maltin (Lm64). Minhabba l-fatt li s-socjetajiet konvenuti m'humiex responsabbli ghad-danni kollha rikjamati mis-socjeta` attrici, huma m'ghandhomx jaghmlu tajjeb ghall-ammont kollu tas-*survey fees*. Il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni il-proporzjon ta' danni li ghalih huma responsabbli s-socjetajiet konvenuti (1/7 u 4/7) ikkalkulat li l-ammont ta' *survey fees* li ghandu jigi rizarcit lis-socjeta` attrici huwa ta' sitta u erbghin lira Maltin (Lm46). Il-Qorti kkalkulat li dawn is-Lm46 ghandhom jithallsu mis-socjetajiet konvenuti kif gej: is-Sea Malta ghandha thallas disa' liri Maltin (Lm9), filwaqt li l-Cargo Handling ghandha thallas sebgha u tletin lira Maltin (Lm37).

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba limitament fis-sens li tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti responsabbli ghal parti mill-hsarat/nuqqasijiet;

Tilqa' t-Tieni Talba limitatament u tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' hames mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm528.60): b'dan li s-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd ghandha thallas l-ammont ta' erba' mija u erbgha u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu

(Lm434.85 [Lm397.85 + Lm37 *survey fees*]) u s-socjeta` Sea Malta Company Limited ghandha thallas l-ammont ta’ tlieta u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm93.75 [Lm84.75 + Lm9 *survey fees*]).

L-ispejjez jithallsu fil-proporzjon ta’ parti minn sebgha (1/7) mis-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited, erba’ partijiet minn sebgha (4/7) mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd, u zewg partijiet minn sebgha (2/7) mis-socjeta` attrici; u bl-imghax li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur